MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 408/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. N. Grixti)**
**Vs**
**John Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul ix-xahar ta' Settembru, 2007, u matul il-gimghat ta' qabel din l-istess data, f'dawn il-gzejjer, cioe' gewwa l-post maghruf bhala "Bieb ir-Ruwa" limiti tar-Rabat, bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Rosa Camilleri fil-pussess ta' hwejjigha jew b'xi mod indahal kontra l-ligi fi hwejjeg Rose Camilleri, billi cahhadha milli tkun tista' tuza l-ilma mill-bir komuni ta' bejniethom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Novembru, 2007, li biha,

wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu w kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ hamsin lira Maltin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w minflok tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda fis-seduta tal-lum.

Rat il-verbal li bih il-partijiet qablu li mill-lum il-quddiem l-appellant ikun ippreparat li jimla l-bir komun meta dan jizvojta fuq semplici talba tal-parte civile w dana fi zmien 24 siegha minn meta ssirlu din it-talba w li bih il-parte civile obbligat ruhha illi thallas kwart ta’ l-ispejjez tal-elettriku relatati mal-operazzjoni tal-pompa tal-ilma kif ukoll ghall-manutenzjoni tal-istess pompa w ta’ l-attrezzi taghha, fuq kontijiet u ricevuti li jigu prezentati lilha mill-appellant.

Rat illi l-appellant irtira l-aggravji kollha tieghu dwar il-mertu w illimita l-appell tieghu ghall-piena.

Rat illi l-Avukat Prosekutur irrimetta ruhu dwar il-piena kif ghamlet ukoll il-parte civile.

Ikkonsidrat

Illi issa li ntlahaq ftehim bejn l-ahwa li ghal futur huwa ttamat jelimina kull kontestazzjoni fil-mertu w dana fl-interess tar-relazzjonijiet familjari bejn il-parte civile w huha l-appellant, tara li hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena f’dan il-kaz anki biex ma jigux esacerbati r-relazzjonijiet familjari.

Konsegwentement tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal multa ta' hamsin lira Maltin (LM50) u minflok tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------